31996L0003

L 21/42 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 27.1.1996

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 96/3/KE

tas-26 ta' Jannar 1996

li tagħti deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 93/43/KEE dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel fir-rigward tat-trasportazzjoni bil-massa ta' żjut u xaħmijiet likwidi bil-baħar

(Test b'relevanza ŻEE)

IL-KOMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/43/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi l-informazzjoni turi li l-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Kapitlu IV ta' l-Anness tad-Direttiva 93/43/KEE dwar it-trasportazzjoni ta' l-ikel fil-massa f'forma likwida, f'boċċi jew fi trab f'reċipjenti u/jew kontenituri/tankijiet irriservati għat-trasportazzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel, mhijiex prattikabbli u timponi piż oneruż iżżejjed fuq in-negozju ta' oġġetti ta' l-ikel meta applikat għal trasportazzjoni fil-vapuri taż-żjut u x-xaħmijiet likwidi maħsuba, jew x'aktarx jintużaw, għal konsum mil-bniedem;

Billi, b'dana kollu, huwa neċessarju li jkun assigurat li l-għoti ta' deroga tipprovdi protezzjoni ekwivalenti għas-saħħa pubblika, billi jkunu mposti kondizzjonijiet għat-termini ta' deroga bħal din;

Billi d-disponibbiltà ta' vapuri rriservati għat-trasportazzjoni ta' l-ikel mhijiex biżżejjed biex isservi il-kummerċ kontinwu taż-żjut u x-xaħmijiet maħsuba, jew li x'aktarx jintużaw, għal konsum mill-bniedem;

Billi l-esperjenza miksuba matul is-snin imgħoddija wriet li l-kontaminazzjoni taż-żjut u x-xaħmijiet likwidi tista' tkun evitata meta t-tankijiet użati għat-trasportazzjoni tagħhom ikunu magħmula minn materjal li jista' jitnaddaf malajr jew meta t-tliet tagħbijiet ta' merkanzija preċedenti jkunu ta' tali natura li ma jħallux kontaminazzjoni li mhix aċċettabbli; billi minn-naħa l-oħra għandu jkun stabbilit li t-tankijiet li jkunu użati qabel għat-trasportazzjoni ikunu ġew imnaddfa effettivament;

Billi huwa d-dmir ta' l-Istati Membri permezz ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/43/KEE li jwettqu kontrolli biex jassiguraw l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

Billi din id-deroga speċifika għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva 93/43/KEE;

Billi, permezz ta' l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/43/KEE, din id-deroga m'għandiex tikkonċerna oġġetti ta' l-ikel li għalih japplikaw regoli ta' iġjene aktar speċifiċi tal-Komunità;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' Ikel,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Din id-Direttiva tagħti deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Kapitolu IV ta' l-Anness tad-Direttiva 93/43/KEE u tistabbilixxi kondizzjonijiet ekwivalenti biex tassigura l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u s-sigurtà u l-utieq tal-oġġetti ta' l-ikel ikkonċernati.

L-Artikolu 2

1. It-trasportazzjoni fil-massa f'vapuri ta' żjut u xaħmijiet likwidi li għandhom ikunu pproċessati, u li huma intiżi għal, jew li x'aktarx jintużaw għal konsum mill-bnedmin, huwa permissibli f'tankijiet li m'humiex esklussivament irriservati għat-trasportazzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel, suġġetti għal kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) li, meta ż-żejt jew xaħam ikun ittrasportat f'tank ta' l-azzar inossidabli, jew f'tank miżbugħ b'reżina epoxika jew teknikament ekwivalent, it-tagħbija tal-merkanzija preċedentament ittrasportata fit-tank għandha tkun oġġett ta' l-ikel, jew tagħbija ta' merkanzija mil-lista ta' tagħbiji ta' merkanzija preċedenti aċċettabbli kif elenkata fl-Anness;

(b) li, meta ż-żejt jew ix-xaħam ikun ittrasportat f'tank ta' materjali oħra apparti minn dawk msemmija fil-punt (a), it-tliet tagħbijiet preċedenti ta' merkanzija trasportati fit-tankijiet kienu ta' oġġett ta' l-ikel, jew mil-lista ta' tagħbijiet preċedenti aċċettabbli kif elenkati fl-Anness.

1. It-trasportazzjoni fil-massa f'vapuri ta' żjut u xaħmijiet likwidi li m'għandhomx ikunu iktar ipproċessati, u li huma intiżi għal, jew li x'aktarx jintużaw għal konsum mill-bniedem, huwa permissibli f'tankijiet li mhumiex esklussivament irriservati għat-trasportazzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel, suġġett għal kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) li t-tank għandu jkun ta' l-azzar inossidabbli jew miżbugħ b'reżina epossika jew teknikament ekwivalenit;

(b) li t-tliet tagħbiji preċedenti tal-merkanzija trasportati fit-tank riedu li kienu oġġetti ta' l-ikel.

[1] ĠU L 175, tad-19.7.1993, p. 1.

L-Artikolu 3

1. Il-kaptan tal-vapur li jittrasporta, fit-tankijiet, iż-żjut u x-xaħmijiet likwidi fil-massa intiżi għal, jew li x'aktarx jintużaw għal konsum mill-bniedem għandu jżomm evidenza dokumentata preċiża rrelatata mat-tliet tagħbijiet preċedenti ta' merkanzija ttrasportata fit-tankijiet ikkonċernati, u l-effettività tal-proċess ta' tindif applikat bejn dawn il-merkanziji.

1. Meta t-tagħbija ta' merkanzija kienet bi trasbord, minbarra l-evidenza dokumentata meħtieġa fil-paragrafu 1, il-kaptan tal-vapur li jirċievi, għandu jżomm evidenza ddokumentata preċiża li t-trasportazzjoni taż-żejt jew ix-xaħam likwidu fil-massa kien konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 matul it-trasportazzjoni preċedenti u ta' l-effettività tal-proċess tat-tindif użata bejn dawn it-tagħbijiet ta' dik merkanzija fuq il-vapur l-ieħor.

2. Fuq talba, il-kaptan tal-vapur għandu jipprovvdi lil awtoritajiet kompetenti tal-kontroll uffiċjali bl-evidenza ddokumentata deskritta fil-paragrafi 1 u 2.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tkun irriveduta meta Stat Membru wieħed jew aktar, jew il-Kummissjoni, jikkunsidraw li l-emendi huma meħtieġa biex jittieħed akkont ta' l-iżviluppi xjentifiċi jew tekniċi. Fi kwalunkwe każ, l-Anness għandu jkun rivedut fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikun konformi ma' din id-Direttiva fit-12 ta' Frar 1996. Għandhom immedjatament jinfurmaw lill-Kommissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jkunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din it-tip ta' referenzi għandha tkun adottata mill-Istati Membri.

L-Artikolu 6

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 7

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Jannar 1996.

Għall-Kommissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kommissjoni

L-ANNESS

Lista aċċettabli ta' merkanzija preċedenti

Sustanza	Nru. tal-CAS
Aċidu aċetiku (aċidu etanojku; aċidu aċetiku; aċidu metaniliku karboxiliku)	64-19-7
Acetone - dimethylketone; *2*-propanone	67-64-1
Distillati taż-żjut aċidużi u tax-xaħijiet aċidużi - minn żjut u xaħmijiet tal-ħxejjex u/jew taħlitiet tagħhom u żjut u xaħmijiet marittimi u ta' l-annimali	
Ammonju iddrossidu (ammonju idrat; soluzzjoni ta' l-ammonja; ammonja akwatika)	1336-21-6
Żjut u xaħmijiet marittimi, ta' l-annimali u tal-ħxejjex (apparti miż-żejt tal-qoxra tal-ġews ta' l-anarkdju u żejt mhux raffinat tad-dam)	
Xemgħa tan-naħal	8012-89-3
Alkohol benżiliku (NF u gradi reaġenti biss)	100-51-6
Acetati tal-butil - (*n-; sec-; tert-*)	123-86-4 105-46-4 540-88-5
Soluzzjoni tal-klorin tal-kalċju	10043-52-4
Kalċju lignosulphonate	
Xemgħa kandelilla	8006-44-8
Xemgħa karnawbja - (xemgħa tal-Brażil)	8015-86-9
Cylcohexane - (hexamethyl; hexanaphthene; hexalhydrobenzene)	110-82-7
Cyclohexanol (hexahydrophenol)	108-93-0
Żejt tas-sojja epossidizzat (b'kontenut minimu ta' 7 % ossiġenu oxirane)	8013-07-8
Ethanol (alkohol etiliku;)	64-17-5
Ethyl acetate - (acetic ether, acetic ester, vinegar naphtha)	141-78-6
2-Ethylhexanol - (2-ethylhexyl alkohol)	104-76-7
Aċidi tax-xaħam:	
Aċidu butyric - (aċidu n-butyric; aċidu butanoic; aċidu ethyl acetic; aċidu propyl formic)	107-92-6
Aċidu valeriku - (aċidu n-*pentanoic*; aċidu *valerianic*)	109-52-4
Aċidu kaprojku - (aċidu n-*hexanoic*)	142-62-1
Aċidu heptojku - (aċidu n-*heptanoic*)	111-14-8
Aċidu kapriliku - (aċidu n-*octanoic*)	124-07-2
Aċidu pelargoniku - (aċidu n-*nonanoic*)	112-05-0
Aċidu kapriku - (aċidu n-*decanoic*)	334-48-5
Aċidu lawriku - (aċidu n-*dodecanoic*)	143-07-7
Aċidu lawrolejku - (aċidu *dodecanoic*)	4998-71-4
Aċidu mirristiku - (aċidu n-*tetradecanoic*)	544-63-8
Aċidu mirristolejku - (aċidu n-*tetradecanoic*)	544-64-9
Aċidu palmitiku - (aċidu n-*hexadecanoic*)	57-10-3
Aċidu palmitolejku - (aċidu cis-9-*hexadecenoic*)	373-49-9
Aċidu stearic - (aċidu n-*octadecanoic*)	57-11-4
Aċidu rikinolejku - (aċidu ċis 12-*hydroxy octadec*-9 *enoic*; aċidu taż-żejt tar-rignu)	141-22-0
Aċidu olejku - (aċidu n-*octadecenoic*)	112-80-1
Aċidu linolejku - (aċidu 9,12-*octadecadienoic*)	60-33-3
Aċidu linoleniku - (aċidu 9, 12, 15-*octadecatrienoic*)	463-40-1
Aċidu arakidiku - (aċidu *eicosanoic*)	506-30-9

Sustanza	Nru. tal-CAS
Aċidu beheniku - (aċidu *docosanoic*)	112-85-6
Aċidu eruċiċ - (aċidu ċis 13-*docosenoic*)	112-86-7
Alkohol tax-xaħam - alkohol naturali	
Alkohol butiliku - (1-*butanol; butyric* alkohol)	71-36-3
Alkohol Kaprojlu - (1-*hexanol; hexyl* alkohol)	111-27-3
Alkohol Enantiku - (1-heptanol; ħeptyl alkohol)	110-70-6
Alkohol Kapriliku alkohol - (1-n-*octanol*)	111-87-5
Alkohol Noniliku - (1-*nonanol*; *Pelargonic* alkohol; *octyl carbinol*)	143-08-8
Alkohol Desiliku alkohol - (1-*decanol*)	112-30-1
Alkohol Lawriliku - (n-*dodecanol; dodecyl* alkohol)	112-53-8
Alkohol Tridesiliku - (1-tridecanol)	27458-92-0
Alkohol Miristiliku - (-tetradecanol; tetradecanol)	112-72-1
Alkohol Setiliku - (alkohol C-16; 1-*hexadecanol; cetylic* alkohol; *palmityl* alkohol; n-*primary hexadecyl* alkohol)	36653-82-4
Alkohol Steariliku - (1-*octadecanol*)	112-92-5
Alkohol Olejlu - (*Octadecenol*)	143-28-2
Alkohol Lawriliku miristiliku - (taħlita C12-C14)	
Alkohol Setiliku stearilu - (taħlita C16-C18)	
Esteri tal-aċidi tax-xaħam - kwalunkwe esteru prodott mit-taħlit ta' kull wieħed minn dawn l-aċidi tax-xaħam elenkati hawn fuq ma' kull wieħed minn dawn l-alkohol tax-xaħam elenkati hawn fuq. Eżempji ta' dawn huma butyl myristrate, *oleyl palmitate* u *cetyl stearate*.	
Aċidu tax-xaħam - *methyl esteri metili*	
Methyl laurate - (methyl dodecanoate)	111-82-0
Methyl palmitate - (methyl hexadecanoate)	112-39-0
Methyl stearate - (methyl octadecanoate)	112-61-8
Methyl oleate - (methyl octadecenoate)	112-62-9
Aċidu formiku - (aċidu *methanoic*; aċidu *hydrogen carboxylic*)	64-18-6
Glicerina - (glycerol; glycerin)	56-81-5
Glicerinali	
Butanediol - (1,3-butylene glycol; 1-3 butanediol; 1,4-butylene glycol; 1,4-butanediol; 2,3-butylene glycol; 2,3-butanediol; Butylene glycol)	107-88-0 110-63-4 513-85-9
Polypropylene glycol - (piż molekulari akbar minn 400)	25322-69-4
Propylene glycol - (1,2 propylene glycol; 1,2-propanediol; 1,2-dihydroxypropane; mono-propylene glycol (MPG); methyl glycol)	57-55-6
1,3-Propylene glycol - (Trimethylene glycol; 1,3-propanediol)	504-63-2
n-Heptane -	142-82-5
n-*Hexane* (gradi tekniċi)	110-54-3 64742-49-0
iso-Butanol - (2-methyl-l-propanol;)	78-83-1
iso-Butyl acetate	110-19-0
iso-*Decanol* (*isodecyl* alkohol)	25339-17-7
iso-*Nonal* (*isononyl* alkohol)	27458-94-2
iso-*Octanol* (*isooctyl* alkohol)	26952-21-6
iso-Propanol - (isopropyl alkohol; IPA)	67-63-0
Limonene - (dipentene)	138-86-3
Soluzzjuni tal-klorit tal-magnesju	7786-30-3
Methanol - (methyl alkohol)	67-56-1
Methyl ethyl ketone - (2-butanone)	78-93-3

Sustanza	Nru. tal-CAS
Methyl isobutyl ketone - (4-methyl-2-pentanone;)	108-10-1
Methyl tertiary butyl ether - (MTBE)	1634-04-4
Micro silica	7631-86-9
Għasel iswed (*Molasses*)	57-50-1
Xemgħa *Montana*	8002-53-7
Nonane	111-84-2
Parafin (grad li jittiekel)	
Pentane --	109-66-0
Aċidu fosforiku - (aċidu orto fosforiku)	7664-38-2
Ilma potabbli huwa aċċettat bħala tagħbija ta' merkanzija preċedenti biss meta t-tagħbija tal-merkanzija immedjatament preċedenti għaliha tkun f'din il-lista	
Potassju idro-ossidu(potasju kawstiku)	1310-58-3
n-Propyl acetate	109-60-4
Idrossidu tas-Sodju (soder kawstiku, lye/lissija)	1310-73-2
Sorbitol (D-sorbitol; hexahydric alkohol; d-Sorte)	50-70-4
Aċidu ifuriku	7664-93-9
Soluzzjoni ta' l-urea tan-nitrat ta' l-ammona - (*UAN*)	
Karfa ta' l-inbid - (*vinasses, vinaccia, argol, vini, argil arcilla, weinstein*, krema mhux raffinata tat-tartru, potassju biturat mhux raffinat)	868-14-4